# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 13**

**Citazz. Numru: 254/08**

**Carmen Micallef u Omar Micallef**

***versus***

**Madalena Galea; Joseph Borg; Michael Borg; Isabel Mizzi; u b'dikriet tat-3 ta' April 2017 l-atti ta' din il-kawża ġew trasfużi f'isem il-werrieta tal-mejjet Joseph Borg li huma Doris Borg, Jesmond Borg, Otilia Santa Paola u Noel Borg minflok l-istess Joseph Borg**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti kollha ħlief Isabel Mizzi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' April 2013 li sabet li Fortunata Borg, awtriċi tal-partijiet, ma kellhiex il-kapaċità sabiex tagħmel it-testment tat-13 ta' Mejju 2007 fl-atti tan-Nutar Sharon Fiorentino, u għalhekk ħassret dak it-testment għall-għanijiet kollha tal-liġi. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Mis-sena 1996 sal-aħħar tas-sena 2002 it-testatriċi Fortunata Borg [it-Testatriċi] – li tiġi omm l-attriċi Carmen Micallef kif ukoll omm il-konvenuti Madalena Galea, Joseph Borg, Michael Borg u Isabel Mizzi – kienet tgħix fir-residenza tal-attriċi Carmen Micallef u tar-raġel ta' din, Anthony Micallef, għal madwar erbat ijiem fil-ġimgħa. Għall-bqija tal-ġranet fil-ġimgħa t-testatriċi kienet tgħix fir-residenza tagħha f'Ħal Luqa. Mill-aħħar tas-sena 2002 sa meta mietet fit-3 ta' Jannar 2008 it-Testatriċi kienet tgħix għal kollox mal-attriċi u żewġha.

3. Fil-31 ta' Awissu 2006 it-Testatriċi għamlet testment fl-atti tan-Nutar Andrè Farrugia u iddisponiet mill-assi tagħha kif ġej:

> »L-Ewwel Artikolu.
>
> »It-testatriċi qiegħda tirrevoka u tħassar kwalunkwe testment u/jew disposizzjonijiet testamentari oħra minnha magħmula qabel illum u trid u tordna li dana t-testment ikollu effett u forza skond il-liġi.
>
> »It-Tieni Artikolu.
>
> »It-testatriċi qiegħda tħalli lin-neputi tagħha Omar Micallef, iben Anthony u Carmen Micallef, id-dar bin-numru uffiċjali erbgħa u disgħin (94), fi Triq San Ġużepp, f'Ħal Luqa, inkluż l-oġġetti kollha mobbli inklużi flus kontanti, titoli oħra rappreżentanti flus, u oġġetti oħra ta' valur u dana peress illi l-imsemmi Omar Micallef qiegħed jieħu ħsieb it-testatriċi. Fil-każ ta' premorjenza tiegħu, bis-sostituzzjoni ta' ħut l-imsemmi Omar Micallef.
>
> »It-Tielet Artikolu.
>
> »It-testatriċi teżenta lil uliedha kollha minn kwanlunkwe obbligu tal-kollazzjoni u/jew imputazzjoni hekk kif altrimenti rikjesti mill-liġi, u dana bla ebda eċċezzjoni.
>
> »Ir-Raba' Artikolu
>
> »It-testatriċi qiegħda tinnomina u tistitwixxi bħala l-uniċi eredi universali tagħha u proprjetarji assoluti ta' ġidha kollu lil uliedha Madelene Galea, Giuseppe Borg, Isabelle Mizzi, Michael Borg u Carmen Micallef u dana f'porzjonijiet ugwali bejniethom. F'każ ta' premorenzja ta' wieħed jew waħda mill-eredi bis-sostituzzjoni volgari tad-dixxendenti rispettivi tagħhom, altrementi bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom skond il-liġi.«

4. Ġurnata qabel ma għamlet l-imsemmi testment – *cioè* fit-30 ta' Awissu 2006 – It-Testatriċi kienet marret għand il-konsulent psikjatra u *psychotherapist* Dr Peter Muscat u dan iċċertifikaha bħala persuna li għandha l-kapaċità mentali meħtieġa sabiex tagħmel testment:

> »This is to certify that I carried out a mental state examination today on Fortunata Borg at the above clinic. She presently resides with her daughter Carmen Micallef and her family at 89, *Morning Dawn*, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard.
>
> »I found her to be pleasant, cooperative, lucid and orientated to time, place and person. Her memory for past and recent events was good. She did not exhibit any signs of anxiety, depression or psychotic phenomena. Her cognitive state was normal.
>
> »She expressed a desire to me that she would like to make a will and to leave her house in Luqa to her daughter Carmen Micallef since she is the one who has looked after her for the past three years. She also said that she has a plot in Xagħra Gozo which she would like to divide between all her children as well as any money that she has.
>
> »In my opinion her mental state is normal and stable which renders her fully capable of exercising her civil duties. She also possesses testamentary capacity.«[1]

5. Fit-13 ta' Mejju 2007, madwar disa' xhur wara li għamlet dan it-testment, it-Testatriċi reġgħet għamlet testment ieħor, din id-darba quddiem in-Nutar Sharon Fiorentino. Jidher li dan it-testment sar fil-preżenza ta' wħud mill-benefiċċjarji tal-istess testment[2] u jidher ukoll li, qabel ma sar it-testment, in-Nutar Sharon Fiorentino ċemplet lit-tabib tat-Testatriċi u talbietu jiċċertifika lill-istess testatriċi bħala mentalment kapaċi sabiex tagħmel dan it-testment. It-tabib iżda irrifjuta li jagħmel dan għax qal li kien hemm ċertifikat ieħor tal-Psikjatra Peter Muscat li jgħid illi t-Testatriċi ma kienx għad għandha kapaċità testamentarja[3]. In-Nutar Sharon Fiorentino ma vverifikatx jekk dan iċ-

1 *Fol* 40 tal-proċess tal-ewwel qorti.

2 *Foll.* 63 *et seq*.

3 *Fol.* 72.

ċertifikat fil-fatt jeżistix jew le iżda wara li għamlet xi mistoqsijiet lit-Testatriċi kienet sodisfatta bit-tweġibiet li ngħatat u kkonkludiet li Fortunata Borg kellha kapaċità testamentarja[4]. In-nutar għalhekk ippubblikat it-testment li bis-saħħa tiegħu it-Testatriċi ddisponiet mill-assi tagħha kif ġej:

»L-Ewwel Artikolu

»Qabel xejn it-testatriċi qiegħda tirrevoka għal kollox kwalunkwe testment ieħor li hija setgħet qatt għamlet qabel dan it-testment u trid u tordna illi s-suċċessjoni fil-wirt tagħha tiġi regolata b'dan it-testment biss.

»It-Tieni Artikolu

»It-testatriċi qiegħda teżenta lil uliedha kollha mill-obbligu li jerġgħu jikkonferixxu fil-massa ereditarja dak kollu li l-istess uliedha ikunu qatt setgħu rċevew b'titolu gratuwitu mingħandha matul ħajjithom.

»It-Tielet Artikolu

»It-testatriċi qiegħda tinnomina u tistitwixxi eredi universali tagħha, proprjetarji u padruni assoluti tal-ġid kollu tagħha, li għandha u li għad jista' jkollha, lill-ħamest uliedha li huma:

»Madalena mart Michael Galea, Joseph, Isabel mart Alfons Mizzi, Michael u Carmen mart Anthony Micallef, aħwa Borg, f'sehem indaqs bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari a favur ta' dixxendenti ulterjuri u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.«[5]

6. L-atturi qed jargumentaw li dan l-aħħar testment li għamlet it-Testatriċi Fortunata Borg għandu jitħassar għax fid-19 ta' Frar 2007, ftit xhur qabel ma għamlitu, il-Psikjata Peter Muscat kien iċċertifika li ma kienx għad għandha l-kapaċità biex tagħmel testment u kien irrakkommanda wkoll li tiġi interdetta. Kien qal hekk:

»This is to certify that I carried out another mental state examination today on Fortunata Borg at the above clinic. She continues to reside with her daughter Carmen Micallef and her family at 89, *Morning Dawn*, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard. Since my last certification of the 30.08.2006 she has become disorientated and frequently confused. Her memory for recent events has deteriorated. She does not exhibit

[4] Ara *foll.* 69, 72 u 73.

[5] *Fol.* 5.

> any signs of anxiety, depression or psychotic phenomena. However her cognitive state has declined. She has also become incontinent of urine at night and occasionally also of faeces. Her deafness has also deteriorated making communication rather difficult.
>
> »In my opinion she has now started suffering from a dementing process which renders her unable to manage her civil affairs. She does not possess testamentary capacity any more and she should therefore be interdicted according to law.«[6]

7. L-atturi jgħidu wkoll li partikolarment fl-aħħar sena u nofs ta' ħajjitha, it-Testatriċi kienet "*bed bound*", "*kważi mejta*", li ċertament ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb l-affarijiet tagħha, li mhux dejjem kienet tagħrafhom u li ma setgħux jikkommunikaw sew magħha.

8. L-atturi għalhekk talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi … … … Fortunata Borg ma kellhiex il-kapaċità testamentarja ħalli hija tagħmel it-testment datat tlettax (13) ta' Mejju 2007 quddiem in-Nutar Pubbliku Dr Sharon Fiorentino;
>
> »2. tiddikjara tali testament bħala wieħed null u bla effett … … …;
>
> »3. tħassar … … … it-testment datat tlettax (13) ta' Mejju 2007 quddiem in-Nutar Pubbliku Dr Sharon Fiorentino.

9. Il-konvenuti kollha – ħlief Isabel Mizzi li rrinunzjat għall-wirt t'ommha[7] - wieġbu b'dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. illi preliminarjament Omar Micallef għandu jipprova l-interess ġuridiku tiegħu billi jipproduċi kopja tat-testment tat-13 ta' Mejju 2007 minnu ċitat fir-rikors.
>
> 2. illi t-talbiet tar-rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi assolutament mhux minnu illi t-testment tat-13 ta' Mejju 2007 li sar quddiem in-Nutar Dr Sharon Fiorentino LL.D. huwa afflitt minn difett essenzjali għal validità tiegħu u dana peress illi meta omm il-kontendenti, Fortunata Borg, għamlet l-imsemmi testment, hija kellha l-kapaċità rikjesta mill-liġi.«

---

6 *Fol.* 9.

7 *Foll.* 22 *et seq*.

10. Il-konvenuti jinsistu illi m'hu veru xejn illi ommhom kienet "*bed bound*" u li ma kinitx kapaċi tikkomunika sew fl-aħħar sena u nofs qabel ma' mietet.

11. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »… … ... tiċħad l-eċċezzjoni li Omar Micallef ma kellux interess ġuridiku;
>
> »tiċħad it-tieni eċċezzjoni li t-testment tat-13 ta' Mejju 2007 ma kienx afflitt minn difett essenzjali;
>
> »tiddikjara li Fortunata Borg ma kellhiex il-kapaċità testamentarja tagħmel it-testment tat-13 ta' Mejju 2007 pubblikat min-Nutar Dr Sharon Fiorentino;
>
> »tiddikjara dan it-testment null u bla effett *ai fini* tal-liġi;
>
> »tħassar u tirrevoka l-imsemmi testment tat-13 ta' Mejju 2007.
>
> »tordna l-komunika mir-Reġistratur lin-Nutar Pubbliku Dr Sharon Fiorentino kif ukoll lin-Nutar tal-Gvern.
>
> »Spejjeż kontra l-intimati.«

12. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex tilqa' t-talbiet tal-aturi, safejn relevanti għal dan l-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »D. Kunsiderazzjonijiet:
>
> »D1. Wirt b'testment:
>
> »Il-Kodiċi Ċivili jiddefinixxi testment fl-artikolu 588. Dan jgħid:
>
> > »"It-testment huwa att, li minnu nnifsu jista' jiġi mħassar, illi bih persuna, bil-mod li trid il-liġi, tiddisponi, għaż-żmien ta' wara mewtha, mill-ħwejjeġ tagħha kollha jew minn biċċa minnhom."
>
> »… … … Għall-kawża in eżami huwa ferm importanti dak li jippreskrivi l-artikolu 597(*d*) tal-Kap. 16 dwar kapaċità testamentarja. Dan jgħid hekk:
>
> > »"597. Huma kapaċi li jiddisponu b'testment:
> >
> > »"...
> >
> > > »"(*d*) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux f'sensihom fiż-żmien tat-testment;"
>
> »… … …
>
> »… … … il-kwistjoni dwar kapaċità testamentarja għandha tiġi regolata kif ġej:
>
> »1. li l-kapaċità testamentarja hija r-regola u l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni; għalhekk l-inkapaċità jekk ma tkunx irriżultat b'mod

ċert minn fatti preċiżi u univoċi, u ma jkunx ġie pruvat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qiegħed jagħmel it-testment, it-testment ma jistax jiġi mħassar; biex tiġi stabbilita l-insanità mentali tat-testatur hemm bżonn li jirriżultaw indizji gravi;

»2. li a tenur tal-Kap. 16 art 597(*d*) huma inkapaċi li jiddisponu b'testment dawk li għalkemm mhux interdetti ma jkunux f'sensihom fiż-żmien tat-testment;

»3. meta testatur jagħmel testment irid jifhem l-effetti tat-testment, in-natura u valur tal-proprjetà li qiegħed jiddisponi minnha, min huma l-qraba, ħbieb u nies li ħaqqhom jibbenefikaw mill-proprjetà tiegħu kif ukoll li japprezza u jikkompara dak li għandu jħalli lil kull wieħed u waħda minnhom;

»4. li testatur ikollu intellett u volontà li jifhem l-azzjonijiet li jkunu qed jeżerċitaw in-nies ta' madwaru u għandu l-kapaċità li jilħaq intenzjonijiet speċifiċi;

»5. ir-razzjonalità tal-kontenut tat-testment mhux biżżejjed biex juri li hemm kapaċità testamentarja iżda n-nuqqas ta' razzjonalità spiss iwassal għall-konklużjoni li t-testatur ma kellux *sound mind*;

»6. li biex wieħed jagħmel testment ma hemmx bżonn *"una mente perfettamente e rigorosament sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di ciò che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Turin tal-4 ta' Frar 1871).

»D2. Applikazzjoni tal-prinċipji legali għall-fatti tal-każ:

»Jibda biex jingħad li l-qorti għandha żewġ verżjonijiet totalment opposti *oltre* għax-xiehda tal-psikjatra Dr Peter Muscat. … … …

»… … …

»Din il-qorti … … … tħoss li kif saru l-affarijiet riferibbilment għall-aħħar testment u *cioè* dak tat-13 ta' Mejju 2007 huma ċertament afflitti minn kaptazzjoni u suġġestjoni. Il-qorti tara ferm stramb kif tista' taċċetta bħala validu testment li kien ġie redatt min-nutar fuq suġġerimenti tal-benefiċjarja Maddalena Galea li qalet lin-nutar biex tirrediġi testment fit-termini li sar it-testment impunjat. L-istess Galea kienet qalet lin-nutar id-dettalji tal-ismijiet u l-konnotati l-oħra jiem minn qabel u li kien essenzjali li fit-testment jitħallew kollha ndaqs. Meta t-testment kien ġie redatt u appuntu dattilografat l-istess nutar ma kenitx għadha tkellmet mat-testatriċi. *Inoltre* meta sar it-testment il-benefiċjarji jew xi wħud minnhom kienu preżenti u dan jirriżulta mhux biss mix-xiehda ta' xi wħud mill-benefiċjarji iżda wkoll mix-xiehda tal-istess nutar. In-nutar staqsiet xi domandi iżda minħabba difett fis-smigħ tat-testatriċi kienet l-istess benefiċjarja Galea li qagħdet tagħmel id-domandi lit-testatriċi. Il-mod kif sar it-

testment ma jogħġob xejn lil din il-qorti … … … Ukoll il-verżjoni tal-għażla tan-nutar hija konfliġġenti f'dak li xehdet Maddalena Galea minn dik ta' Michael Borg. Waħda ssemmi d-dettalji ta' kif kienet tkellmet minn qabel man-Nutar Fiorentino waqt li l-ieħor isemmi li ppruvaw l-ewwel ikellmu lin-Nutar Mangion u meta ma sabuhx għajtu lin-Nutar Fiorentino. U kif inhi li t-testment … … … kien ġà dattilografat min qabel? Interessanti wkoll il-loġistika ta' kif sar l-imsemmi testment u *cioè* li wara li mar għal ommu l-imsemmi Michael Borg kollox kien preparat biex Fortunata Borg tagħmel it-testment li b'mod ta' skantament malli waslet Fortunata Borg għand it-tifla mill-ewwel qaltilha li trid tagħmel testment. Ukoll tosserva li kien stramb ħafna kif l-imsemmija Fortunata Borg għarfet lil kulħadd u qagħdet titkellem ma' diversi nies daqs li kieku qatt ma kellha ebda problema. U min huwa daqshekk trux jagħmel konverżazzjonijiet sħaħ ma' kulħadd!

»D3. Ix-xiehda u rapporti ta' Dr Peter Muscat:

»Fit-13 ta' Awissu 2006 Dr Peter Muscat, konsulent psikjatriku u *psychotherapist,* inkluż *senior lecturer* l-Università ta' Malta, iċċertifika dwar Fortunata Borg kif ser jingħad:

> »"This is to certify that I carried out a mental state examination today on Fortunata Borg at the above clinic. She presently resides with her daughter Carmen Micallef and her family at 89, *Morning Dawn*, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard.
>
> »"I found her to be pleasant, cooperative, lucid and orientated to time, place and person. Her memory for past and recent events was good. She did not exhibit any signs of anxiety, depression or psychotic phenomena. Her cognitive state was normal.
>
> »"She expressed a desire to me that she should like to make a will and to leave her house in Luqa to her daughter Carmen Micallef since she is the one who has looked after her for the past three years. She also said that she has a plot in Xagħra Gozo which she would like to divide between all her children as well as any money that she has.
>
> »"In my opinion her mental state is normal and stable which renders her fully capable of exercising her civil duties. She also possesses testamentary capacity."

»Sussegwentement l-istess Dr Muscat irrilaxxja ċertifikat ieħor fid-19 ta' Frar 2007 fejn f'dan qal:

> »"This is to ceritfy that I carried out another mental state examination today on Fortunata Borg at the above clinic. She continues to reside with her daughter Carmen Micallef and her family at 89, *Morning Dawn*, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard. Since my last certification of the 30.08.2006 she has become dis-orientated and frequently confused. Her memory for recent events has deteriorated. She does not exhibit any signs of anxiety, depression or psychotic phenomena. However her cognitive state has declined. She has also become incontinent of urine at night and occasionally also faeces. Her deafness has also deteriorated making communication rather difficult.

> »"In my opinion she has now started suffering from a dementing process which renders her unable to manage her civil affairs. She does not possess testamentary capacity any more and she should therefore be interdicted according to law."

»It-testment impunjat ġie magħmul fit-13 ta' Mejju 2007 ossija tliet (3) xhur wara dan it-tieni ċertifikat. Ix-xiehda ta' Dr Muscat ġà ġiet analizzata hawn fuq iżda l-qorti tixtieq tagħmel enfasi ulterjuri fuq:

»Dr Muscat ikkonferma ċ-ċertifikat tad-19 ta' Frar 2007 bil-ġurament;

»Fid-19 ta' Frar 2007 osserva li l-istat mentali kien iddeterjora ħafna tant li anqas seta' jagħmel komunikazzjoni magħha jiġifieri kellha l-bidu tad-*dementia* li anke beda juri ruħu fi stat anke fiżiku;

»Ma kenitx orjentata aktar u għalhekk jiġifieri jekk kien sar xi testment jew xi kuntratt ċivili qabel dak iż-żmien meta kienet fi stat mentali tajjeb dak fl-opinjoni tiegħu japplika però kienet f'dak l-istadju saret fi stat li ma setgħetx mill-aspett kemm mediku, iktar u iktar psikjatriku, teżerċita d-drittijiet ċivili tagħha iżjed;

»Kien qal lil Carmen Micallef li żbaljaw ma jagħmlux l-interdizzjoni;

»Meta kien raha hu ma kellha l-ebda *lucid intervals* fit-tieni darba, anqas komunikazzjoni ma seta' jagħmel magħha, ma kienx hemm jiġifieri *a free flowing conversation* u kienet anke iddeterjorat mis-smigħ.

»... ... …

»E: Konklużjonijiet

»Din il-qorti tħoss li wara li analizzat l-aspetti kollha relevanti kemm legali kif ukoll fattwali, għandha toqgħod fuq dak li qal Dr Peter Muscat, professjonista ta' livell għoli li ċertament ma kellux interess li qabel ma biss isir it-tieni testment jesprimi bil-miktub dwar l-inkapaċità mentali ta' Fortunata Borg f'dak l-istadju. Il-qorti ppruvat tindaga anke dwar l-aspett ta' mumenti luċidi iżda Dr Muscat kien kategoriku li dawn il-mumenti luċidi ma kinux jissussistu. Huwa veru li l-kapaċità testamentarja hija preżunta iżda fl-istess ħin, jekk persuna ma tkunx f'sensiha, hija inkapaċi li tiddisponi b'testment. Il-qorti ma tistax tagħti piż lil depożizzjonijiet ta' nies li għażlu li jixhdu kemm Fortunata Borg ħadet gost titkellem magħhom meta rriżulta b'mod ċar li din la tisma' u anqas kienet qed tapprezza dak li kien qed jintqal. Ċertament f'dak l-istadju meta sar it-tieni testment Fortunata Borg ma kenitx għadha tifhem aktar in-natura u l-valur tal-proprjetà kif ukoll l-importanza ta' bejn il-qraba. Il-qorti kienet ukoll influwenzata minn dak li rriżulta ta' kif sar it-testment ta' l-2007 bil-preżenza tal-benefiċjarji li huma stess bdew jagħmlu d-domandi. Dan iwassal lill-qorti li tasal għall-konklużjoni li t-

testment ta' l-2007 ta' Fortunata Borg għandu jiġi dikjarat null u bla effett minħabba li fit-13 ta' Mejju 2007 it-testatriċi ma kellhiex il-kapaċità testamentarja rikjesta mil-liġi.«

13. Il-konvenuti Madalena Galea, Joseph Borg u Michael Borg appellaw b'rikors tat-30 ta' April 2013 li għalih wieġbu l-atturi fis-26 ta' Novembru 2013.

14. Minkejja li l-konvenuti appellanti jressqu diversi aggravji – ħamsa b'kollox – meta tagħsar is-sustanza tagħhom issib illi l-argument ewlieni li ressqu jolqot l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-ewwel qorti u li l-ewwel qorti ma jmisshiex laqgħet it-talbiet attriċi. Fissru l-aggravji tagħhom hekk:

»a. Provi konfliġġenti

»Il-Prim Awla tal-Qorti ħasset illi t-testment kien sar b'qerq għaliex xi dispożizzjonijiet tat-testment kienu saru minn qabel u għaliex kien hemm xi tfixkil fix-xelta tan-nutar. L-ewwel qorti wkoll naqset li temmen illi Fortunata Borg kienet titkellem man-nies għaliex kienet tarxa. Dawn l-osservazzjonijiet l-ewwel qorti għamlithom fir-rigward ta' provi konfliġġenti. Però ċertu affarijiet gravi li ħarġu ampjament mix-xiehda ma ttiħdux in konsiderazzjoni fil-wasla tal-konklużjoni.

»L-atturi appellati matul il-kawża sostnew illi *wara* li ommhom għamlet it-testment tagħha tal-31 ta' Awissu 2006, quddiem in-Nutar Andrè Farrugia, fejn ħalliet lin-neputi tagħha, wieħed mir-rikorrenti, id-dar numru 94 fi Triq San Ġużepp, f'Ħal Luqa inkluż l-oġġetti kollha mobbli, inklużi flus kontanti, titoli oħra rappreżentanti flus u oġġetti oħra ta' valur, hija ma kellhiex aktar il-kapaċità mentali li tagħmel testament ieħor. Fortunata Borg mietet sena u erba' xhur wara, fit-3 ta' Jannar 2008. L-attriċi appellata Carmen Micallef fit-tielet paragrafu tal-affidavit tagħha tgħid illi ommha "kienet *bed bound*, speċjalment l-aħħar sena u nofs qabel mewtha" u l-istess diskors *verbatim* qalu r-raġel tagħha Anthony Micallef fil-paragrafu 3 tal-*affidavit* tiegħu. *Inoltre*, Carmen Micallef fil-paragrafu numru 9 tal-*affidavit* iżżid tgħid li ommha "fl-aħħar sena qabel mewtha kienet kważi mejta". Il-fatti però juru mod ieħor:

»Huwa evidenti illi fit-13 ta' Mejju 2007 Fortunata Borg ma kienet xejn kważi mejta jew *bed ridden*, għaliex it-tifel tagħha Michael mar għaliha bil-karozza, marret għand bintha l-oħra Madaline

Micallef fejn sar l-aħħar testament, u wara marret iż-Żejtun, kielet mal-familja ta' Michael biex jiċċelebraw *Mother's Day*, u dan reġa' wasslha lura fis-6.00 *p.m.* fejn kienet qed tistenniha oħtha Isabella Mizzi li toqgħod Għawdex. Skond Isabella Mizzi hija kienet rat lil ommha xi erbat iĦdud qabel ma mietet u kienet rat lil ommha fuq siġġu u mhux fis-sodda.

»Fl-Għid tal-2007, Fortunata Borg marret għal ġurnata ma' Michael u Rose Borg u, safejn tiftakar Rose Borg, kien hemm okkażżjoni oħra fejn qattgħat il-ġurnata tal-Ħadd għandhom;

»Anna Maria Montebello kienet iżżur lil nannitha regolarment u ma kinitx fis-soddod. Tiftakar okkażjoni partikolari fid-29 ta' Mejju 2007, wara l-purċissjoni ta' *Corpus*, kienet ħadet it-tifla tagħha ż-żgħira Shania biex in-nanna taraha liebsa tal-Preċett. Kienet anke iżżurha l-isptar, u kienet tikkomunika magħha, u dejjem kienet tistaqsiha għat-tfal, partikolarment għat-tifla l-oħra tagħha Naomi, peress illi tiġi il-buż buż nanna tagħha. Dan ġie konfermat ukoll minn Naomi Montebello stess;

»L-esponenti jissottomettu illi t-tentattiv tal-atturi appellati sabiex jipprovaw ipinġu lil ommhom, wara li dina kienet għamlet l-ewwel testment, bħala "kabozza", naturalment biex jaslu jippruvaw li ma kinitx fi stat mentali li tagħmel l-aħħar testament, falla għal kollox kif evidenzjat mis-suespost. Ix-xiehda tar-rikorrenti ma tistax tiġi emnuta. Fl-*affidavit* tagħhom jgħidu mod, u fil-kontroeżami jgħidu mod ieħor. Fortunata Borg, skond l-*affidavits* tal-atturi appellati, kienet *bed ridden* u kważi mejta, sena u nofs qabel ma mietet, imma fil-kontroeżami tat-23 ta' Mejju 2012 Carmen Micallef tgħid "illi propjament fis-sodda il-ħin kollu, il-mamà kienet l-aħħar tliet xhur".

»F'dan il-kuntest l-esponenti jagħmlu riferenza għal fatt li lanqas ma huwa minnu dak li qal Anthony Micallef fil-paragrafu numru 4 tal-*affidavit* tiegħu, li martu Carmen kienet erbgħa u għoxrin siegħa ma' ommha. Carmen u Anthony Micallef qalu li ma jaħdmux. Irriżulta però waqt il-kontroeżami ta' Anthony Micallef (u dana wara insistenza tad-difensur tal-esponenti jekk kinux jaħdmu) li hu u martu kienu jmorru ġo skola tal-Ingliż San Pawl il-Baħar biex jgħinu lit-tifel. Issa jekk kinux jgħinu jew jaħdmu l-esponenti jħallu f'idejn il-qorti, imma li huwa ċert hu li meta kienu qegħdin *jgħinu* lit-tifel, ma kinux qegħdin jirrendulha serviġi, li hu żgur u aċċertat hu li Fortunata Borg kienet tkun waħedha d-dar.

»Ir-rikorrent Omar Micallef li fl-affidavit tiegħu paragrafi numri 5 u 7 jgħid illi n-nanna tiegħu, b'mod konsistenti sa mewtha, kienet tgħidlu li hija xtaqet tħalli il-post lilu. Kontroeżaminat, ibiddel il-versjoni u jgħid illi "sa sena u nofs qabel kienet qaltli bih, il-post. L-aħħar sena u nofs ma tantx kelli diskussjonijiet magħha fuq il-post … … … Il-papà tiegħi ma jaħdimx". Ix-xiehda tal-atturi appellati għalhekk mhiex kredibbli peress li ġiet kontradetta mill-atturi stess u għalhekk ma tistax tiġi emnuta.

»Huwa inkonċepibbli kif l-ewwel qorti ma tat l-ebda piż lil dawn il-kontradizzjonijiet kollha u ċirkostanzi li juru illi l-verżjoni tal-atturi appellati mhux tirrefletti l-verità. L-ewwel qorti ikkonkludiet illi "Il-qorti ma tistax tagħti piż lil depożizzjonijiet ta' nies li għażlu li jixhdu kemm Fortunata Borg ħadet gost titkellem magħhom meta rriżulta b'mod ċar li din la tisma' u anqas kienet qed tapprezza dak li kien qed jintqal". Hawnhekk l-konvenuti appellanti umilment jissottomettu illi din hija kawża sabiex jiġi impunjat testment u jistaqsu kif l-ewwel qorti kienet daqshekk kategorika biex tikkonkludi illi "rriżulta b'mod ċar li din la tisma' u anqas kienet qed tapprezza dak li kien qed jintqal". Huwa minnu illi kienet marret lura fil-mod kif tikkomunika u li s-smigħ tagħha kien naqas iżda bl-ebda mod ma jista' jiġi konkluż mix-xiehda illi Fortunata Borg ma kinitx tisma' jew tapprezza xejn milli jintqal. Fil-fatt f'paġna 22 tas-sentenza l-ewwel qorti tirreferi għax-xiehda ta' Dr Peter Muscat illi kien ix-xhud illi l-ewwel qorti qagħdet fuq, u tgħid, "ma kienx hemm jiġifieri *a free flowing conversation* u kienet anke iddeterjorat mis-smigħ."

»… … …

»b. Ix-xiehda ta' Dr Peter Muscat

»Il-qorti għażlet li toqgħod fuq Dr Peter Muscat mingħajr ma apprezzat il-mod kif anke Fortunata Borg ittieħdet għandu u li anke il-parir ta' Dr Muscat li tiġi interdetta ġie injorat għal kollox.

»Fid-19 ta' Frar 2007 Carmen Micallef ħadet lil Fortunata Borg, li skond hi u żewġha kienet *bed bound* u kważi mejta, għal vista għand Dr Peter Muscat, u dana, fuq ordni tiegħu stess, wara li dan kien invistaha fit-30 ta' Awwissu tas-sena preċedenti. Mistoqsi jekk dan id-diskors kienx minnu, Dr Peter Muscat ċaħad kategorikament, u fil-paġna numru 4 tax-xiehdha tiegħu testwalment jgħid "... jiena għedt din il-mara qiegħda mentalment tajba u waqfet hemm l-istorja però imbagħad reġgħu tfaċċaw; jien qatt ma kont għedtilhom biex jerġgħu jiġu … … … Mistoqsi mill-qorti f'liema stat kienet meta fil-fatt eżaminajtha t-tieni darba ngħid illi mentalment ma kinitx togħġobni iżda fiżikament kienet għadha timxi". Mela minn hawn jirriżulta bl-aktar mod ċar u minn xhud indipendenti illi l-atturi appellati mhumiex jgħidu l-verità għaliex Fortunata Borg ma kinitx *bed bound* u kważi mejta. Lanqas ma kien minnu illi Dr Muscat talab li terġa' tmur għandu. Allura għalfejn għamlu dan? Forsi għax kellhom suspett li ommhom xtaqet tbiddel it-testment u tħalli lit-tfal kollha ndaqs? X'kien l-iskop tat-tieni viżta? Għalfejn Carmen Micallef staqsiet lil Dr Muscat jekk ommha kinitx tajba biex tagħmel testament jew xi kuntratt fiż-żmien meta suppost din kienet kważi mejta u *bed ridden* u talbitu joħroġ it-tieni ċertifikat?

»L-atturi appellati jagħmlu referenza lejn iċ-ċertifikat rilaxxat minn Dr M. Schembri fit-13 ta' Frar 2007 minnhom eżibit bħala Dok B. Hija ferm kurjuża (għalkemm għall-esponenti hija evidenti) għalfejn sar dan iċ-ċertifikat minn Dr M. Schembri u

għaliex l-atturi appellati ma semmew xejn il-għala dan kien meħtieġ. It-tieni ċertifikat rilaxxat minn Dr Peter Muscat sar biss sitt ijiem wara fid-19 ta' Frar 2007 fuq talba tal-istess rikorrenti. Dr Muscat minn jeddu qal lir-rikorrenti biex jieħdu dan iċ-ċertifikat il-qorti għaliex il-pazjenta *"does not possess testamentary capacity".* Bir-rispett kollu lejn Dr Muscat, wieħed ma jistax ikun kategoriku, għaliex fil-mediċina l-affarijiet huma differenti u mhux kompitu tiegħu li jindaħal fil-kamp legali. Persuna tista' tiġi inabilitata u mhux interdetta jekk ikun il-każ. L-atturi appellati u Dr Muscat isostnu illi Fortunata Borg ma kellhiex il-kapaċità mentali li tagħmel l-aħħar testament għaliex kienet tbati bid-dimensia. Minkejja illi Dr Peter Muscat kien tal-opinjoni illi fil-ġurnata tal-viżta din ma kellhiex il-kapaċità testamentarja, dan bla ebda mod ma jfisser illi din kienet ħaġa permanenti. Fil-fatt mix-xiehda irriżulta ampjament illi Dr Muscat kien żbaljat fl-analiżi tiegħu għaliex filwaqt illi huwa ikkonkluda li Fortunata Borg, "l-istat mentali kien iddeterjora ħafna tant li lanqas stajt tagħmel kommunikazzjoni magħha, jiġifieri kellha l-bidu ta' *dementia*." mix-xiehda rriżulta illi dan ma kienx il-każ u li saħansitra sa ġranet qabel ma mietet Fortunata Borg kienet tikkomunika ma' bintha Isabel Mizzi. Qiegħda ssir enfasi illi Dr Muscat qal illi Fortunata Borg kellha l-bidu ta' dimenzja. L-esponenti qed jagħmlu referenza għas-sentenza <u>Mary Assunta Azzopardi *v.* Anthony Camilleri *noe*</u> (deċiża 13 ta' Marzu 2009) liema sentenza ġiet iċċitata mill-atturi appellati fis-sottomissjonijiet tagħhom fejn il-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri) stqarret illi,

> »"L-awtur Laurent jispjega, "*Non basta dunque provare che il testatore era in uno stato abituale di demenza, bisogna provare invece che la sua follia era senza lucido intervallo, val dire permanente. Se, al contrario, è provato che il defunto aveva dei lucidi intervalli, egli è certo che la prova della demenza abituale sarebbe insufficiente, poiché può avvenire che il testatore sia stato in un lucido intervallo nel momento in cui disponeva.*"

»F'dan ir-rigward l-esponenti jirrilevaw:

»a. iċ-ċertifikat mediku ta' Dr M. Schembri tat-13 ta' Frar 2007 ma jsemmix lli it-testatriċi kellha *dementia* permanenti;

»b. iċ-ċertifikat mediku ta' Dr Peter Muscat tat-19 ta' Frar 2007 ma jsemmix lli it-testatriċi kellha *dementia* permanenti;

»Wara d-19 ta' Frar 2007 sakemm mietet, it-testatriċi kienet tkellmet diversi drabi mal-esponenti tfal tagħha, man-nisa tagħhom, u man-neputia u pro-neputija. Moħħha kien ferm luċidu. Oħtha Isabella Mizzi, li rrinunzjat għall-wirt ta' ommha, peress li kienet toqgħod Għawdex kienet iċċempel lil ommha regolarment u tistaqsiha kif inhi, u din kienet tgħidilha li kienet tara t-*television*. Kienet taraha l-Ħdud u r-relazzjonijiet magħha kienu normali u qatt ma kellha diffikultà biex tikkomunika magħha. Rat lil ommha tmint ijiem qabel ma mietet. Dan kollu jikkonferma illi it-testatriċi żgur ma kelliex *dementia* permanenti u

kellha diversi intervalli luċidi. Jingħad għalhekk illi l-atturi appellati b'ebda mod ma ġabu xi prova, la konvinċenti u wisq aktar konklusiva, illi Fortunata Borg ma kellhiex il-kapaċità mentali biex tagħmel testment. Anzi mix-xiehda miġjuba mill-esponenti rriżulta proprju l-oppost.

»Il-konvenuti appellanti jenfasizzaw illi din hija kawża biex jiġi impunjat testment validu, sempliċiment a bażi ta' ċertifikat illi l-atturi appellati jsostnu li sar fuq appuntament li kien issuġġerit minn Dr Muscat, meta fil-fatt irriżulta li ma kien veru xejn li Dr Muscat kien talab li jerġa' jinviżta lit-testatriċi, kif jingħad fil-lingwa ngliża, "*beggars belief!*". Il-Qorti fis-sentenza ċit. nru 1523/1997 Pawlu Farrugia *v.* Carmelo Farrugia *et* deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2004 qalet:

> »"Il-prova tal-inkapaċità tispetta lil min jallegaha fuq l-istregwa tal-prinċipju fuq ċitat. Din il-prova trid tkun ċara, univoka u konklusiva. '*La prova deve essere piena e rigorosa talmente di accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dello atto che compiva, nè volonta propria*'.
>
> »"Biex tiġi stabbilita l-insanità mentali tat-testatur hemm bżonn li jirriżultaw indizzji gravi, u mhux biss sempliċi konġetturi u possibilitajiet ... ... … *i fatti e gli argomenti devono essere precisi e concludenti trattandosi di persona defunta a riguardo della quale non sono più possibili quegli esperimenti medico legali.*"

»Illi fil-kawża tul il-kawża l-atturi appellati naqsu u ma ġabu ebda prova illi tista' titqies bħala ċara, univoka u konklusiva. Mill-provi prodotti mir-rikorrenti minn imkien ma jirriżulta illi fil-mument tat-testment Fortunata Borg, *"non aveva coscienza dello atto che compiva, nè volonta propria".* Semmai permezz tax-xiehda tan-nutar u tax-xhieda preżenti ġie stabilit l-oppost.

»ċ. Ix-xhieda tan-nutar u l-interdizzjoni

»Illi hija ħaġa allarmanti l-mod kif l-ewwel qorti skartat għal kollox l-aġir u x-xiehda tan-Nutar Fiorentino.

»L-atturi appellati kkontestaw l-aġir tan-Nutar Fiorentino li fix-xiedha tagħha qalet bla tlaqliq li, "Jiena deherli li din taf xi trid tagħmel u testment għamiltu … … …; waqt il-pubblikazzjoni tat-testment ma ħassejtx problema ta' natura mentali iżda biss dawk relattivi għas-smigħ*"*. L-atturi appellati qegħdin isostnu li n-Nutar Fiorentino naqset milli tindenja ruħha ġġib kopja taċ-ċertifikat tal-psikjatra li semmitilha t-tabiba fuq it-*telephone*. Bir-rispett kollu dan bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala nuqqas min-naħa tan-Nutar Fiorentino *stante* li minn imkien fil-Kodiċi Ċivili ma jirriżulta li sabiex persuna tagħmel testment, ma' tali testment irid ikun hemm anness ċertifikat, jew jekk jeżisti xi ċertifikat in-nutar huwa obbligat jakkwista kopja. In-Nutar Fiorentino, meta kienet infurmata illi jeżisti ċertifikat, ħadet il-passi neċessarji sabiex tistabilixxi jekk fil-fatt Fortunata Borg kellhiex il-kapaċità mentali biex tagħmel testament, *"*Jien għidt orrajt, mela ħa nsaqsiha ftit domandi lil din Mrs Borg la jiena naf li mkien fil-liġi m'hemm

miktub li jiena għandi bżonn bilfors ċertifikat ta' tabib". Għalhekk jirriżulta illi ma sar ebda nuqqas min-naħa tan-nutar u li onorat *ad litteram* l-obbligu tagħha li tiddetermina jekk Fortunata Borg kellhiex il-kapaċità mentali li tagħmel testment. Ix-xiehda tan-Nutar Fiorentino hija ċara u turi illi m'hemm ebda dubbju illi t-testment li sar kien regolari u skond il-liġi. Il-qorti għandha tagħti piż lix-xiehda tan-Nutar peress illi kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Joseph Galea *et v.* Maria Camilleri "nutar huwa uffiċjal pubbliku u li in diżimpenn tal-professjoni tiegħu huwa ma jiħux il-patroċinju jew interess ta' xi parti fil-konfront ta' interessi ta' ħaddieħor".

»L-esponenti jinsistu illi x-xiehda tan-Nutar għandha tingħata piż minħabba l-fatt illi huwa n-nutar u n-nutar biss illi huwa preżenti fil-mumenti illi jsir it-testment, u din il-kawża tippernja ruħha propju fuq il-fatt jekk, fil-mument meta għamlet it-testment tagħha, Fortunata Borg kellhiex il-kapaċità testamentarja.

»L-ewwel qorti xejnet għal kollox ir-rwol tan-nutar f'kuntest daqstant delikat meta tat piż lix-xiehda ta' Dr Muscat illi lanqas kien preżenti fil-mument tat-testment. L-ewwel qorti naqset ukoll milli tinduna bl-aġir sistematiku tal-atturi appellati fejn wara l-manuvri biex jottjenu ċ-ċertifikati naqsu milli jieħdu l-parir tal-istess Dr Muscat biex jagħmlu interdizzjoni lil Fortunata Borg. Huwa evidenti illi l-interdizzjoni ma kinitx ser tirnexxi fil-Qorti ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja. F'każi ta' talbiet għall-interdizzjoni l-qorti hija pjuttost riġida u tistaqsi lir-rikorrenti anke meta jkun hemm qbil bejn il-qraba kollha sabiex iġibu prova konkreta u konklussiva u mhux sempliċiment xi ċertifikat wieħed ta' tabib. Mhix l-ewwel darba illi l-qorti titlob illi l-persuna fuq min qed tintalab l-interdizzjoni terġa' tiġi eżaminata minn tabib appuntat mill-qorti għaliex, bir-rispett kollu lejn ċertu tobba, l-eżami magħmul ġieli ikun *tailor made* għal dak illi qed jitolbu l-interdizzjoni. Illi d-deċiżjoni li l-ewwel qorti tistrieħ sempliċiment fuq ix-xiehda ta' Dr Muscat minkejja l-mod kif ittieħded l-opinjoni tiegħu, minkejja l-provi assolutament konfliġġenti u d-deċiżjoni li xxejjen ir-rwol tan-nutar meta wieħed jagħmel testment u li ġie anke injorat il-fatt illi l-atturi appellati naqsu milli jagħmlu interdizzjoni fuq suġġeriment ċar ta' Dr Muscat ser joħloq preċedent perikoluż ħafna fil-ġurisprudenza tagħna. L-ewwel qorti *ai termini* ta' din is-sentenza qiegħda tgħid illi ċertifikat rilaxxat żmien qabel ma jsir testment prodott minn tabib huwa biżżejjed biex timpunja testment minkejja illi m'hemmx interdizzjoni. Huwa minnu illi l-Kodiċi Ċivili jelenka lil dawk li għalhekk mhux interdetti ma jkunux f'sensihom fi żmien it-testment kif ġustament intqal mill-ewwel qorti però, jekk ma saritx interdizzjoni, allura d-deċiżjoni għandha tittieħed fuq jekk kienx hemm kapaċità testamentarja *"fiż-żmien tat-testment"*. Bħala fatt din qatt ma tista' tiġi stabbilita minn xi tabib minn żmien qabel u għalhekk in-nutar għandu jingħata piż iktar minn xi ċertifikat li sar żmien qabel għaliex kif intqal qabel jista' jkun

hemm *lucid intervals* kif mill-provi prodotti irriżulta ampjament illi kien hemm. L-importanti għal fini ta' din il-kawża huwa l-istat mentali ta' Fortunata Borg meta sar it-testment. Qabel ma sar it-testment in-Nutar Sharon Fiorentino aċċertat ruħha xi trid tagħmel it-testatriċi u li din kellha il-poteri mentali neċessarji. Wara dan l-eżerċizzju n-nutar għaddiet biex taqralha t-testment u dan ġie iffirmat minn Fortunata Borg mingħajr ebda problema. Bħala uffiċjal pubbliku n-nutar wettqet id-dmir u l-obbligazzjonijiet kollha tagħha wara li għamlet ġudizzju, stabiliet u iddeċidiet li t-testatriċi kellha il-kapaċità mentali li tagħmel testament f'dak il-mument. Li t-testatriċi kienet luċida fil-mument li sar it-testment ġie anke kkonfermat ukoll miż-żewġ xhieda presenti, Carmen Spiteri u Feliċa Borg.

»d. Raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet

»Illi f'paġna 18 tas-sentenza l-ewwel qorti stqarret illi: "Ir-razzjonalità tal-kontenut tat-testment mhux biżżejjed biex juri li hemm kapaċità testamentarja iżda n-nuqqas ta' razzjonalità spiss iwassal għall-konklużjoni li t-testatur ma kellux *sound mind*".

»Illi ma hemmx dubju illi d-dispożizzjonijiet kienu raġonevoli. Għalhekk dan ma jfissirx b'mod konklussiv illi t-testatur kien fi stat mentali biex jagħmel testment, isegwi illi huwa iktar diffiċli biex il-qorti tikkonkludi illi ma kienx hemm stat mentali biex isir testment meta d-dispożizzjonijiet ikunu raġonevoli.

»Illi fl-istess sentenza Pawlu Farrugia *v.* Carmelo Farrugia ċit. nru 1523/1997 deċiża fil-5 ta' Ottubru 2004, il-Qorti stqarret illi:

> »"Fattur determinanti sabiex tiġi stabbilita s-sanità mentali tat-testatur hija r-raġjonevolezza tad-disposizzjonijiet li jinsabu fit-testment. Huwa relevanti l-eżami tal-fatt jekk it-testment '*è così fatto da non riscontrarsi in esso alcun segno di stoltezza*' u jekk '*l' atto porta I caratteri della saggezza*'".

»Illi jekk wieħed janalizza d-dispożizzjonijiet ebda klawsola ma tindika "*segno di stoltezza*"; anzi it-testment jista' jitqies li jirrefletti att magħmul b'*saggezza* in kwantu illi t-testment illi qed jipprova jiġi impunjat mill-atturi jħalli lit-tfal kollha werrieta ndaqs. Jibqa' naturalment impreġudikat d-dritt għal serviġi jekk ikun il-każ.

» e. Regola fondamentali u grad ta' prova

»Illi kif intqal fis-sentenza mill-ewwel Qorti fuq paġna 19, biex wieħed jagħmel testment ma hemmx bżonn *"una mente perfettamente e rigorosament sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di ciò che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Turin tal-4 ta' Frar 1871)."

»Mill-provi prodotti jirriżulta ampjament illi t-testatriċi kienet f'sensiha biex tagħmel testment fil-mument meta sar it-testment. L-atturi appellati bl-ebda mod ma rnexxielhom jippruvaw illi kien hemm indizzji gravi fil-mument tat-testment għaliex il-prova mhix li sempliċiment tippreżenta ċertifikat rilaxxat minn tabib żmien qabel iżda kif intqal mill-Qorti fis-sentenza ċit. nru 1523/1997 Pawlu Farrugia *v.* Carmelo Farrugia *et* deċiża fil-5 ta' Ottubru 2004 din għandha tkun:

»"... ... … ċara, univoka u konklusiva. '*La prova deve essere piena e rigorosa talmente di accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dello atto che compiva, nè volontà propria*'"«

15. Wara li qieset sew ix-xiehda u l-atti kollha fil-proċess, u wkoll l-aggravji mressqa mill-konvenuti, din il-qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ma jidhirx li hemm raġunijiet tajba sabiex l-apprezzament ta' fatti magħmul mill-ewwel qorti jiġi disturbat:

16. Jidher illi l-aħħar darba li lit-Testatriċi ra tabib qabel ma għamlet it-testment li dwaru saret il-kawża tallum kien fid-19 ta' Frar 2007 meta raha l-Psikjatra Peter Muscat. Din il-qorti għalhekk taqbel mal-ewwel qorti li dak li qal il-Psikjatra Peter Muscat għandu jingħata ħafna piż f'dan il-każ.

17. Wara l-eżami li għamlilha fid-19 ta' Frar 2007, il-psikjatra osserva li l-istat mentali tat-Testatriċi kien mar lura ħafna mill-aħħar darba li kien raha fit-31 ta' Awissu 2006. Fisser illi fid-19 ta' Frar 2007 it-Testatriċi kellha bidu tad-*dementia*, lanqas biss għarfitu, kienet diżorjentata, kienet marret lura fis-smigħ, u ma kinitx fi stat li tista' tieħu sehem f'konverżazzjoni normali: ma setax ikollu "*a free flowing conversation*" magħha. Kien għalhekk li ikkonkluda li ma kellhiex kapaċità mentali biex tagħmel testment.

18. Il-Psikjatra Peter Muscat tenna b'mod konkluživ u bla ebda dubju jew kwalifikazzjoni li mid-19 ta' Frar 2007 kemm mill-aspett mediku kif ukoll minn dak psikatriku t-Testatriċi ma kinitx aktar kapaċi li teżerċita d-drittijiet ċivili tagħha fosthom dak li tagħmel testment. Kien għalhekk ukoll illi irrakkomanda li hi tiġi interdetta.

19. Għalkemm l-eżami mill-psikjatra sar fid-19 ta' Frar 2007 u t-testment sar fit-13 ta' Mejju 2007, tliet xhur wara, il-psikjatra kompla fisser illi:

> »… … ... id-dimensia hija xi ħaġa progressiva u li, pjuttost b'mod rapidu, tibda tiddeterjora u persuna tispiċċa fiżikament.«[8]

20. Li kieku l-istat mentali tat-Testatriċi fid-19 ta' Frar 2007 kien wieħed li jgħaddi, kif jallegaw il-konvenuti appellanti, il-psikjatra ma kienx sejjer igħid li hija "*unable to manage her civil affairs*" u li "*she does not possess testamentary capacity any more and she should therefore be interdicted according to law*"; kien jikkwalifika ċ-ċertifikat tiegħu billi jgħid illi l-kundizzjoni tat-Testatriċi setgħet taqleb għall-aħjar u mhux jirrakkomanda li tiġi interdetta.

21. Il-psikjatra ikkonferma wkoll illi t-Testatriċi ma kellha ebda intervalli luċidi.

22. Il-konvenuti appellanti ma ressqu ebda xhud espert *ex parte* tal-esperjenza u speċjalizzazzjoni tal-Psikjatra Peter Muscat biex jikkontradixxi l-konklużjonijiet li wasal għalihom dan ix-xhud. Bil-kuntrarju, jidher li t-tabib tat-Testatriċi, għax kien jaf biċ-ċertifikat maħruġ mill-Psikjatra

8 *Fol.* 47.

Muscat, irrifjuta li joħroġ ċertifikat fit-13 ta' Mejju 2007 li jgħid li t-Testatriċi għandha kapaċità mentali biex tagħmel testment[9].

23. Huwa minnu li l-liġi ma timponi l-ebda obbligu fuq nutar pubbliku li jikkonsulta ma' espert mediku jew psikjatriku qabel ma jipproċedi biex jirċievi testment, iżda nutar għandu obbligu jaċċerta ruħu li testatur għandu kapaċità testamentarja. Fil-każ tallum in-Nutar Fiorentino kienet taf illi t-tabib tat-Testatriċi ma riedx joħroġ ċertifikat u kienet taf ukoll illi kien hemm ċertifikat minn konsulent psikjatriku li jgħid ċar illi t-Testatriċi m'għandhiex kapaċità tagħmel testment u li anzi għandha tiġi interdetta. Għalhekk kien ikun għaqli li n-nutar ma timxix bħal-likieku ma kinitx mgħarrfa b'dan kollu; dan kien każ ċar fejn in-nutar kellha tinsisti li jkollha l-konfort ta' opinjoni reċenti ta' espert mediku u mhux tieħu fuqha r-responsabilità li tmur djametrikament kontra l-fehma ta' espert fil-materja.

24. L-argument imsejjes fuq jekk id-dispożizzjonijiet fit-testment humiex "raġonevoli" ma huwiex konkluživ għax jista' jqarraq. Jekk, bħal fil-każ tallum, in-nutar kellha tiddependi fuq il-benefiċjarji stess biex tinterpreta r-rieda tat-Testatriċi, dawn seta' kellhom għaqal biżżejjed biex ma jagħmluhiex wisq ovvja b'disposizzjonijiet esaġġeratament favorevoli għalihom li t-testment ikun sar fuq suġġeriment tagħhom. Jista' jkun li jkollhom għaqal biżżejjed biex jifhmu illi jekk ikunu żaqqieqa wisq sejrin jinkixfu. Dan qiegħed jingħad mhux biex il-qorti tgħid illi fil-każ tallum hekk sar, iżda biex tgħid illi argument imsejjes fuq ir-

9 *Fol.* 72.

raġonevolezza tad-disposizzjonijiet ma huwiex konkluživ daqskemm jista' jkun konkluživ argument imsejjes fuq l-irraġonevolezza.

25. Barra minn hekk, jista' jkun hemm ukoll min igħid illi ma huwiex raġonevoli li t-Testatriċi tħalli lil uliedha bħala werrieta f'ishma ndaqs bla ma taħseb f'min ikun ħa ħsiebha aktar minn ħaddieħor. Li hu żġur hu li din il-qorti ma tistax tistrieħ sempliċement fuq l-allegata raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet testamentarji sabiex tilqa' l-aggravji tal-konvenuti appellanti.

26. Fid-dawl ta' dan kollu, u wara li fliet il-provi kollha mressqa mill-partijiet, din il-qorti hija sodisfatta illi l-ewwel qorti waslet għal kon-klużjoni tajba u ġusta meta sabet illi t-Testatriċi ma kellhiex kapaċità testamentarja meta għamlet it-testment li dwaru saret din il-kawża, u għalhekk ħassret dak it-testment.

27. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma f'kollox s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell iħallsuhom il-konvenuti appellanti.

| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
|---|---|---|
| President | Imħallef | Imħallef |